MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2008

Appell Civili Numru. 246/2006/1

**Dr. George Abela**

**vs**

**Frans Ghirxi**

**Il-Qorti,**

Fil-5 ta’ Frar, 2008, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> “Il-Qorti,
>
> Rat ir-rikors fuq indikat datat il-11 ta’ Awissu tas-sena 2006 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m’ghandux ikun ikkundannat:
>
> 1. Illi jhallas lir-rikorrent is-somma li tigi likwidata in linea ta’ danni ai termini ta’ l-artikolu

28 ta’ l-Att dwar l-Istampa, (Kap. 248 ), wara li jigi dikjarat li ingurja u mmalafama lill-attur, bl-artikolu intitolat ‘Sorprizi bl-agir ta’ George Abela – Jithallas eluf kbar ta’ liri mill-Gvern Nazzjonalista, izda jiehu ghalih meta jinghad li ghandu “affinita” mal-PN, ippubblikat f’pagna 1 tal-harga tal-gurnal ‘L-Orizzont’ tal-11 ta’ Awissu 2006 li kopja tieghu hija esebita bhala Dokument ‘A’, fejn l-intimat, bhala editur, ippubblika allegazzjonijiet li huma foloz u malafamanti fil-konfront tar-rikorrent u li ghandhom bhala skop li joffendu l-unur u l-fama tar-rikorrent u jesponuh ghar-redikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku;

2. Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata s-6 ta’ Novembru tas-sena 2006 li permezz taghha l-intimat ecepixxa s-segwenti:

1. Illi fl-artikolu in kwistjoni hemm biss fatti maghrufa u kummenti li wiehed jista’ jaghmel f’socjeta’ hielsa u mbaghad sta ghall-qarrej li jasal ghall-konkluzjonijiet tieghu u b’ebda mod ma huwa ngurjuz;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Stabbilit bhala fatt, u dan, kemm bis-sahha ta’ certifikat mahrug mir-Registratur ta’ l-Istampa (ara fol 56), kif ukoll ex admissis, mill-intimat stess, (ara fol 65), li l-editur tal-gurnal l-Orizzont fil-gurnata tal-pubblikazzjoni ta’ l-artikolu in dizamina effettivament kien l-intimat Ghirxi;

Rat is-sottomissjonijiet skritti tar-rapprezentanti tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-procedura odjerna hi naxxenti minn artikolu intitolat "sorprizi bl-agir ta' George Abela" li gie ppubblikat fil-harga tal-gurnal l-Orizzont ta' l-11 t'Awissu tas-sena 2006, li effettivament kien kontinwazzjoni ghal artikolu precedenti li deher fl-istess gurnal fil-harga tal-5 t'Awissu ta' l-istess sena;

2. Illi l-istess intimat jiddikjara li finalment ir-responsabbilita' ghal artikoli li jidhru fl-imsemmi gurnal hi ta' l-istess intimat;

3. Illi dan l-artikolu fuq indikat kien in segwitu ghall-artikolu iehor miktub mill-istess intimat gimgha qabel fl-istess gurnal, senjatament fil-harga tal-5 t'Awissu tas-sena 2006;

4. Illi kif gia' gie ritenut fil-kawza fl-istess ismijiet premessi izda li ggib in-numru 240/06 ukoll deciza llum stess minn din l-istess qorti, l-attur rikorrent kien preventivament kiteb lill-editur de quo biex jirribatti allegazzjonijiet li kienu qed jigu vantati fil-konfront tieghu;

5. Illi nonostante din l-azzjoni preventiva l-editur intimat ghazel li jinjora lir-rikorrent u mhux biss ipproceda bl-ewwel artikolu indikat fil-paragrafu precedenti, izda ghazel li jzid id-doza gurnalistika billi appena ftit jiem wara, nonostante l-kjarifika preventiva tar-rikorrent, ghazel li jippersisti;

6. Illi f'dan it-tieni artikolu r-rikorrent hassu wkoll malafamat bis-segwenti allegazzjonijiet:

i. Illi r-rikorrent kien sors ta' sorpriza ghall-editur de quo;

ii. Illi nonostante li r-rikorrent ipingi lilu nnifsu bhala xi paladin tal-haddiema, xorta " ma ddejjaq xejn jiftah kawza kontra impjegat iehor tal-GWU dwar dak li hu ghamel waqt il-qadi ta' dmirijietu …";

iii. Illi r-rikorrent ghandu xi affinita' mal-Partit Nazzjonalista;

iv. Illi l-ufficcju tar-rikorrent jipresta s-servizzi tieghu lil diversi entitajiet b'xi konnessjoni governattivi u ghalhekk ir-rikorrent jithallas elf kbar minn fondi pubblici;

v. Illi r-rikorrent, meta kien konsulent legali tal-GWU kien irrifjuta jippresta s-servizzi tieghu lill-istess "union";

Ikkunsidrat:

Illi l-intimat isostni s-segwenti:

1. Illi l-artikolu de quo jikkontjeni biss fatti maghrufa;

2. Illi kull ma ghamel kien li ppubblika il-kummenti tieghu kif wiehed jista' jaghmel f'socjeta' hielsa biex wara jhalli f'idejn il-qarrejja biex jaslu ghal kunkluzjonijiet taghhom;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti kemm tar-rikorrent, kif ukoll tal-intimat kif fuq sintetikament esposti huma marbutin mas-saga li kienet qed tizvolgi fil-perjodu in dizamina u li ssir ampja referenza ghaliha fil-kawza numru 240/06 fl-istess ismijiet deciza wkoll illum stess minn din l-istess qorti;

Illi ghalhekk, a skans ta' ripetizzjoni, qed issir ampja referenza ghall-analizi fattwali u legali hemm riprodott u ghall-ekonomija tal-gudizzju mhux qed jigu ripetuti fil-kawza odjerna;

Illi ghandu pero' jigi sottolineat f'din il-procdura partikolari – tenut kont tal-ispecificita' fattwali riskontrata li r-rikorrent jichad kategorikament u qatt ma gie ppruvat mill-intimat ghalkemm kellu, jekk ried, l-opportunita' ghal dan li:

i. Qatt kien sors ta' xi sorpriza lil xi hadd bl-agir tieghu;

ii. Mhux biss qatt ma pinga lilu nnifsu bhala paladin ta' xi hadd izda meta agixxa professjonalment dejjem ghamel hekk skond l-oghla aspirazzjonijiet tal-professjoni tieghu;

iii. Illi jirrifjuta l-allegazzjoni ta' l-affinita' tieghu mal-Partit Nazzjonalista;

iv. Illi fl-ezercizzju tal-professjoni tieghu mill-ufficcju tieghu dan dejjem ghamlu bi trasparenza u taht kull skrutinju tal-ligi u tal-professjoni;

v. Illi qatt ma rrifjuta li jippresta s-servizzi professjonali tieghu lil hadd;

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk il-bazi fattwali ta' l-allegazzjonijiet li fuqhom strah l-intimat ma tezistix;

Ikkunsidrat:

Illi f'dan l-istadju, ukoll a skans ta' ripetizzjoni inutili, taghmel referenza ghar-ratio legali li gie ndikat fil-kawza numru 240/06 fuq riferit u tapplikhom in toto ghall-kaz odjern;

Ikkunsidrat:

Illi in vista tal-premess tirrespingi r-risposta ta' l-intimat Frans Ghirxi fl-interezza taghha u takkolji t-talba ta' l-attur Dr. George Abela u konsegwentement:

1. Tiddikjara li l-artikolu meritu ta' din il-procedura partikolari intitolat "Sorprizi Bl-Agir Ta' George Abela – Jithallas Eluf kbar ta' liogi mill-Gvern Nazzjonalista, izda jiehu ghalih meta jinghad li ghandu "affinita" mal-PN, ippubblikat fil-gurnal l-Orizzont tal-11 t'Awissu tas-sena 2006, hu effettivament malafamanti ta' l-istess attur kif indikat;

2. Illi f'dan l-istadju terga' taghmel referenza ghall-analizi taghha rigwardanti l-quantum li hi obbligata issa timponi li hu formanti parti mill-kawza fl-istess ismijiet bin-numru 240/06 fuq indikata u tapplikhom ukoll f'din il-procedura;

**3.** Tikkundanna lill-intimat Frans Ghirxi biex ihallas lill-attur rikorrent Dr. George Abela l-ammont ta' elf u erba' mitt Ewro, (€1,400.00,0), bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-istess editur intimat.**"**

Minn din id-decizjoni appella l-konvenut kwazi kwazi bl-istess identiku ilment sottomess fl-appell l-iehor tieghu fil-kawza fl-istess ismijiet (Avviz Nru. 240/06 SM). L-unici differenzi bejn din il-kawza u dik l-ohra tinsab f'dan:

(1) L-artikolu imputat malafamanti mill-attur gie ppubblikat fil-11 ta' Awissu, 2006 mentri dak l-iehor deher fil-harga ta' l-istess gurnal "L-Orizzont" fil-5 ta' Awissu, 2006;

(2) Ghal kuntrarju ta' l-ohra, fil-kawza li minnha gie intavolat l-appell odjern xehed il-konvenut appellanti;

Mill-kumplament, kif tixhed is-sentenza appellata, u kif maqbul mill-appellant, iz-zewg kawzi kienu mexjin flimkien. Jinsab mistqarr ukoll mill-konvenut illi l-artikolu *de quo* kien kontinwazzjoni ta' l-artikolu l-iehor precedenti. Ara deposizzjoni tal-konvenut a fol. 65 *et sequitur*;

A skans ta' ripetizzjoni zejda l-Qorti taghmel riferenza ghall-konsiderazzjonijiet minnha zvolti fl-appell l-iehor, kontestwalment deciz, u taghmilhom applikabbli *mutatis mutandis* ghall-appell prezenti. L-unici osservazzjonijiet li tixtieq izzid b'enfasi huma s-segwenti:-

(1) Id-dritt tal-kronaka ma jistax jipprevali fuq id-dritt tar-rizervatezza meta l-fatti rakkontati ma jkunux, sostanzjalment, jikkorrispondu ghas-sewwa fl-interezza taghhom. Fi kliem iehor, ir-rekwizit tal-verita` tal-fatti esposti jesigi li jkun hemm rabta bejn il-fatti diffusi u kif effettivament sehhew;

(2) L-interess pubbliku ghal konoxxenza tal-fatti, anke fuq l-operat professjonali tas-soggett ikkritikat, ma ghandux iservi bhala licenzja li titraxxendi f'attakk virulenti;

(3) Mhux bizzejjed li l-editur ta' gurnal iserrah mohhu li s-sors tat-taghrif kien tajjeb ghalih – f'dan il-kaz, skond ma jinghad fl-artikolu, trattasi ta' "osservaturi fil-kamp trejdunjonistiku". Kien, ukoll, jinkombi fuqu bi dmir illi jivverifika u jikkontrolla il-kontenut ta' dak l-istess taghrif.

Ghal dawn il-motivi u dawk l-ohra kkonsidrati fl-appell mis-sentenza fl-istess ismijiet (Avviz Nru. 240/06 SM), deciz kontestwalment, din il-Qorti qed tichad l-appell lilha devolut u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------